# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **26** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tnejn 27 ta' Ottubru 2014 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard |
| Skuzat | Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur David Massa (Ambaxxatru Kunsill taż-Żagħżagħ) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 25.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Rapport ta' kull kwart Lulju sa Settembru 2014.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 25(1) tat-22 ta' Settembru 2014:**

1.1.2 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri irrefera għall-paġna 2 artiklu #2.1.2 paragrafu 4 u staqsa jekk dak li ġie diskuss u mniżżel jfissirx illi n-nies ser ikollom jimxu taħt il-bankina minħabba l-imwejjed u siġġijiet.

Is-Sindku qal illi kien qed ikun hemm problema għal dawk in-nies li kienu jipprovaw jgħaddu bi pram jew inkella siġġu tar-roti jew għal dawk li kienu jipparkjaw mal-bankina u kif jiġu biex joħorġu mill-karozza l-bieba taħbat mal-imwejjed u siġġijiet. B'hekk ittieħdet deċiżjoni illi l-imwejjed ikunu mqiegħda mal-faċċata tal-ħwienet sabiex il-passaġġ għan-nies jitħalla u li jkun ta' metru u nofs mil-kurduna tal-bankina. Is-Sindku kompla jgħid illi meta kien tkellem mal-Lands Department infurmawh illi huma kienu diġa tkellmu mas-sidien tal-ħwienet u minn dakinhar kien hemm titjieb sostanzjali fl-imwejjed u siġġijjiet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-każ tal-ħwienet tal-bandli Mifsud Bonniċi s-sitwazzjoni baqgħet li kienet.

Is-Sindku qabel ma dan u qal illi kien iltaqa ma uffiċjali tal-Lands Departement flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiddiskutu dan pero` kien hemm żball fil-ġurnata u l-laqgħa saret ta' malajr pero xorta s-sitwazzjoni baqgħet li kienet. Ġie deċiż illi s-Segretarju Eżekuttiv għandu jerġa jikteb lil Lands rigward dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm ħanut fi Triq ix-Xatt illi waħħal żewġ perspex għoljin żewġ metri mal-bankina. Il-Kunsill għandu jinfurmah biex dan il-perspex jitneħħa.

➢ **Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal-laqgħa fis-6:15pm.**

Is-Sindku qal li peress li kien imsiefer għadu ma rahomx pero tajjeb li nieħdu passi sabiex jitneħħew. Is-Sindku żied kompla jgħid illi qabel ma jiġu rappreżentanti tal-Lands Department u jtuna gwida ta' x'għandu jsir l-abbuż ser jibqa għaddej.

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi paġna 8 artiklu #4.6 għandha tinqara kif ġej:

*"Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-Kunsilliera ċertifkat tal-Crossroads rigward l-asfalt ta' parti minn Triq La Sengle li ġie jiswa €49, 511.84 apparti l-ispiża ta' madwar €5000 li għad trid titħallas lil kuntrattur tax-xogħol. Huwa kompla jsipjega li din it-triq ġiet tiswa dashekk minħabba li kien hemm problema fil-bażi ta' din it-triq peress li kienet bil-ħamrija."*

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 25(1) tat-22 ta' Settembru 2014:**

2.1.2 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja beda billi qal li għan-nom tal-Kunsillier s-Sinjura Elizabeth Cassar jixtieq jinforma lill-Kunsill illi t-tlett ġimgħat illi għamlu l-Peru kienu ta' suċcess u xtaq jirringrazzja lill-Kunsill tal-appoġġ li tah f'xogħol amministrattiv sabiex setgħa jorganizzaw l-attivitajiet għal ġbir ta' fondi għal Peru. Qal ukoll illi l-van inxtara bl-għajnuna tal-benefatturi kollha li taw donazzjoni u xtaq jirringrazzjhom.

2.1.3 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja beda jitkellem rigward il-proġett bejn Siret u Chojna illi ser issir bejn it-22 u l-25 ta' Jannar 2015 liema proġett ser isir hawn Malta. Kompla jgħid illi din il-ġimgħa sar ħafna xogħol u l-preparamenti huma kollha lesti fosthom l-akkomodazzjoni u l-programm mqassam fuq erbat ijiem. Is-Sindku qal illi diġa irċivejna l-ammont ta' €6250 fondi sabiex nkopru l-ispejjeż, wara l-proġett ser nirċievu €6250 oħra. Dan ser jinħadem mill-Kumitat tal-Kultura u stieden il-Kunsilliera biex jippartecipaw.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kif ser jintużaw dawn il-fondi.

Is-Sindku qal illi ser isiru żjarat ma Malta kollha kif ukoll xi workshops skond il-grant agreement, żied jgħid illi hu kellem lill-Kappillan u ibbukja ż-żewġ swali sabiex jintużaw ukoll u jekk il-fondi ma jintużawx kollha naraw x'jindikawlna huma x'għandu jsir bihom. Din l-attivita ser tkun amalgamata mal-AGM li ser issir ġewwa r-Rumanija u s-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jippartecipaw. Is-Sindu għarraf lill-Kunsilliera li s-sotto kumitat kulturali se jkun qed jgħin f'dan il-proġett. Il-fondi jkopru wkoll tittjiriet għall erba Pollaki, akkomodazzjoni, ikel , *excursions* eċċ.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi kull sena issir spezzjoni tal-bandli min naħa tal-MCCAA u huma rrimarkaw illi fil-bandli taż-Żonqor fadal struttura waħda sabiex titneħħa kif ukoll tlett spring horses ġewwa Ġnien David Vella fejn iridu jinbidlu jew inkella jitranġaw. Kompla jgħid illi ser ituna ċertifikati sabiex jiġu mwaħħla ġewwa l-bandli u jkunu validi għal sena.

Is-Sindku qal illi tajjeb l-ispring horses jinbidlu mill-ġdid sabiex zgur ikunu kif suppost speċjalment meta qed jużawhom it-tfal.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ta l-opinjoni illi niċċkejawhom sew u naraw jekk il-mollol tagħhom għadhomx tajbin għaliex f'dak il-każ inbidlu biss l-istruttura.

Sar qbil unanimu illi jiġu ċċekjati dawn l-ispring horses u wara jiġi deċiż x'għandu jsir.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi fil-bandli taż-Żonqor hemm globi u bankijiet mkissrin li jħoss li huma ta' periklu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi peres li dak il-bandli konna qed inżarmawh ma ħassx li hemm għalfejn jinbidlu issa.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri tkellem rigward paġna 7 artiklu #3.9 rigward il-korsijiet proposti li jsiru ġewwa u spjega illi mill €20.00 illi l-persuna tkun ħallset tlett kwarti minnhom cioe €15.00 ser imorru għall-instructor u l-kwart li jifdal imorru għal kirja tal-post b'hekk id-differenza li jkun fadal titħallas mill-Kunsill.

Is-Sindku qal illi tajjeb illi l-flus jitħallsu fil-post fejn ser isiru l-korsijiet u mhux ġewwa l-Kunsill imbagħad fl-aħħar naraw x'ikun fadallu jħallas il-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-kors tas-Sumba biss sabiex naraw l-andament fuq dan il-kors.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem rigward paġna 6 artiklu #3.5 hu qal illi lis-Sur Montesin tal-Wasteserv tlabnih sabiex jiġu mżejjna Triq San Gwakkin , Pjazza Dun Tarċis kif ukoll Triq il-Marina.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi reġa kellem anke lill-ELC sabiex jkunu jistgħu jagħmlulna tiżjin mac-*central strips* .

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet jekk kellnix xi risposta mingħand il-Wasteserv.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi min naħa tagħhom il-Wasteserv jixtiequ li ntuwhom aktar dettalji ta' x'irridu li jsir bħala tiżjin.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li jkollna pjan ieħor f'każ li l-Wasteserv ma jagħtuniex l-għajnuna tagħhom eżempju nallokaw €5000 għal tiżjin u tajjeb li nagħtu ċans sa nofs Novembru.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ikun tard wisq u jekk nkunu ser nallokaw €5000 peress li huwa ammont baxx u mhux ser ikun qed ikopri l-postijiet li semmejna qabel tajjeb li nżejnu Triq Sant Antnin ħalli ma nkunu qed naġevolaw lil ħadd.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 4 artiklu #3.1 u staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk bgħatnix xi korrispondenza. Is-Segretarju qal li kienet intbgħatet ittra lill-Wasteserv fosthom hemm klawzola li tgħid li la darba l-Kunsill ikollu ilmenti ta' rwejjaħ għandu dritt iwaqqaf kollox.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi mill-aħħar darba li ltqajna kien hawn irwejjaħ kbar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waqt il-laqgħa li kellna mas-Sur Montesin diġa kien qalilna illi kif ser jitfħu t-tank ser jagħmel riħa qawwija.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jixtieq illi jara kopja tal-ittra li ntbgħatet lill-Wasteserv u lis-Sur Henwood.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 7 artiklu #4.1 rigward il-kenniesa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu illi s-Sinjura Rebecca Micallef qed tieħu ħsieb sew illi l-kenniesa jiġu kollha darbtejn kuljum u kif tara li hemm xi bidla fil-kenniesa jew hemm xi affarijiet li mhumiex posthom tinfurma lis-Sinjura Elaine Bezzina mill-ewwel pero` fejn jidħol xogħol fuq barra ma tantx jista jkun hemm kontroll għaliex m'hemmx min isegwijhom.

Is-Sindku qal illi mal-promenade qed ikun hemm ħafna kaxxi tat-takeaway u l-ġurnata ta' qabel is-seduta tal-Kunsill ma nkinisx.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi bħalissa fuq il-promenade il-palm qed ifarfru ż-żerriegħa minħabba r-riħ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi s-Sibt li għadda ra lill-kuntrattur Ronald Bezzina flimkien mal-kennies ġewwa ż-Żejtun fil-ħin li suppost kien qed jiknes imbagħad wara ġie jiffirma ġewwa l-Kunsill illi kien għamel ix-xogħol fil-lokalita` ta' Marsaskala.

Is-Sindku qal illi l-unika mezz sabiex dan l-abbuż jinqata huwa li nqabbdu *contracts manager* u jsewgu x-xogħol.

➢ **Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal-laqgħa fis-6:48pm.**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal ukol illi l-kenniesa qed jitolbu anke il-boroż suwed mill-Kunsill meta suppost dawn qed jużaw boroż trasparenti sabiex ma jiġux mħawda ma dawk tal-iskart.

Sar qbil unanimu illi niktbu lis-Sinjura Elaine Bezzina b'dawn in-nuqqasijiet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa rigward l-isleeping policeman illi ġew imwaħħla fi Triq Daħla ta' San Tumas.

Is-Sindku qal illi l-isleeping policeman ġew imwaħħla min naħa tat-Transport Malta mingħajr ma ikkonsultaw mall-Kunsill kif ukoll mhumiex tajbin għaliex iridu jiġu aktar wiesgħa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ma jistax jifhem għaliex ma ikkonsultawx magħna. Huwa kompla jgħid illi it-Transport Malta għandhom jerfgħu responsabilita anke rigward Triq il-Qaliet għaliex hemmhekk hemm bżonn ta' speed cameras u diġa kien hemm tlett inċidenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi min naħa tal-Kunsill kienet diġa ntbgħatet ittra rigward Triq il-Qaliet pero` għadna bla risposta.

Sar qbil unanimu illi nibgħatu lit-TM lis-Sur James Piscopo, kif ukoll lir-Reġjun għaliex ir-reġjun talabna sabiex nindikaw dawk il-postijiet fejn jistgħu jitwaħħlu cameras.

2.1.9 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 9 artiklu #7.1 jekk kellnix xi risposta rigward il-bieb li hemm mgħaluq fi Triq l-Iskal.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għadna ma rċivejna l-ebda risposta.

Il-Kunsillier is-Sur Camilleri talab biex isir *reminder.*

2.1.10 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ħdejn l-Ambika confectionery quddiem l-istatwa ta' San Spiridjun rċivejna mill-Ministeru sabiex titnaddaf pero hemmhekk huwa post privat.

2.1.11 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi rigward ix-xogħol li kellu jsir min naħa tar-Road Maintenance Services Ltd fil-ġnien ta' San Tumas kien hemm ftit diffikulta` minħabba li l-pompa li ser ngħamlu ser ikollha flow b'saħħtu b'hekk ser ikollna nbiddlu s-sufun u din ser tiġi tiswa €450+VAT. Hu kompla jgħid illi x-xogħol tal-membrane li sar fuq il-latrina min-naħa ta' Kevin u Lino sar tajjeb ħafna.

Il-Kunsill qabel unanimament li nbiddlu s-sufun.

➢ ***Intalbet sospenzjoni tar-regolamenti***

5.0 ***<u>Approvazzzjoni tar-Rapport ta' kull kwart Lulju sa Settembru 2014:</u>***

L-Accountat tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff bdiet tispjega r-rapport ta' kull kwart.

5.1 L-Accountant infurmat il-Kunsill illi rċivejna lura il-flus tal-EUPA recovery of funds.

5.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk hemm allocation għad-dwal tal-Milied.

L-accountant qalet illi fl-allokazzjoni tal-istreet lighting hemm allokati €5000 għad-dwal tal-Milied.

5.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk il-Kunsill bediex jirkupra xi flus biex jerġgħu jitpoġġew fl-account tal-bini tal-Kunsill għaliex jidher li baqgħa mad-daħal xej lura.

Is-Sindku qal illi għamilna ħafna xogħol b'dawk il-flus.

5.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm bżonn li naraw x'jista jsir minħabba il-loan tal-bini tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellna niċċekjaw jekk nistgħux nutilizzaw il-fondi tal-UIF minħabba il-bini pero` ser tkun diffiċli ħafna għaliex anke f'Kunsill ieħor il-fondi li kienu tawhom ma setgħux jiġu utilizzati għal-bini ta' Kunsill ġdid iżda għal embellishment fuq barra.

Il-Kunsill qabel illi nikkomunikaw mall-MEPA rigward fondi tal-UIF.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart Lulju sa Settembru 14 u l-Kunsilliera s-Sinjura Elizabeth Cassar ssekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.***

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Xogħolijiet fi Ġnien San Tumas:**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda jispjega illi fix-xogħolijiet ta' Ġnien San Tumas il-Kuntrattur Road Maintenance Ltd kien ikkwota għal armoured cable kif kien hemm imniżżeel fil-B.O.Q's tat-tender pero meta kien qed isir ix-xogħol dan l-armoured cable ma kienx hemm bżonn l-użu tiegħu minħabba illi ma kienx ser jgħaddi min ġol-ħamrija iżda mill-pipijiet tal-passaġġi. Id-differenza bejn armoured cable u pvc hija ta' madwar €5000 u l-Kunsill għandu *bżonn justification letter* kif ukoll l-approvazzjoni.

Il-Kunsill approva din il-bidla fit-tip ta' cable

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu reġa analizza l-kuntratt u ra li hemm ħafna affarijiet x'jitranġaw.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-railing tal-ġnien ser jiġi għoli ħafna minħabba illi l-apparat mhux ser isir mal bidu tat-triq iżda sar iktar l-isfel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk l-art ta fejn ser jitpġoġġew il-*picnic tables* hija diżlivellata minħabba l-aċċesibilita ta' persuni b'diżabilita'.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fejn kellu jsir ir-railing primarjament għandha tinżera l-*bianca* u ta r-railing jitneħħa minħabba li dan qiegħed mal-baħar u jkollu bżonn ta' ħafna manutenzjoni.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħdax il-picnic bench mhux ser joqgħodu kollha għaliex hemm ħamsa żejda.

Kien hemm qbil unanimu li għandna nordnawom kollha u mbagħad jitqiegħdu f'żoni oħra fl-istess ġnien

3.2 **Kuntratt ma Datatrak rigward ċitazzjonijiet:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil Kunsill illi rċevejna ftehim min naħa tad-datatrak fejn l-iskop huwa li l-joint committees jispiċċaw u jidħlu l-Kumitati konġunti, b'dak l-iffirmar inkunu qed nagħtu permess illi persentaġġ min kull ċitazzjoni li tingħata fil-Lokalita' tagħna tingħata lill-Kumitat konġunt ta' ċitazzjonijiet li kienu ngħataw 'pre region'.

Is-Sindku qal illi l-unika tribunal li ser ikun hawn huwa dak taż-Żejtun.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niffirmaw dan il-ftehim.

3.3 **Laqgħa mat-Transport Malta rigward il-proposta fi Triq il-Blajjiet k/m Triq iż-Żonqor:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi min naħa tagħna kien mistieden rappreżentant min naħa tat-Transport Malta sabiex ikun preżenti fil-laqgħa pero ħadd ma attenda għalkemm kien ikkonfermat ftit qabel il-laqgħa li kellu jkun hemm is-Sur Genuis..

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi min naħa tat-Transport Malta qed jipproponu li ssir antislip kif ukoll illi jitneħħa l-parking u minflok issir bankina li ser tneħħi ħafna parkeġġi inkluż *reserved parking.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kif ser tgħaddi karozza tal-linja.

Il-Kunsill ta' permess lir-resident preżenti waqt il-laqgħa sabiex jitkellem.

Is-Sur Buckle qal illi min naħa tiegħu ilu tmien snin jilmenta fuq il-problemi ta' din it-triq għaliex l-inċidenti tat-traffiku li jkun hemm huma kontinwi fosthom f'dawn l-aħħar xahrejn fejn karozza baqgħet dieħla fil-garaxx tiegħu.

Is-Sindku qal illi kieku issir crash barrier għandha issolvi din il-problema.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lis-Sur Buckle jekk l-arblu tad-dawl li għandu mwaħħal ħdejn id-dar tiegħu huwa ta' inkonvenjent għalih u għalhekk bil-proponiment tat-Transport Malta ikunx qed jeħles anke mil-problema tal-arblu.

Is-Sur Buckle qal illi l-arblu tad-dawl idejqu ħafna ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv issuġerixxa illi l-arblu tad-dawl jiġi drittat peress li qiegħed mgħawweġ u l-Kunsill għandu jissuġerixxi lil Enemalta sabiex il-wires jgħaddu minn taħt il-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsih jekk għaddiex l-ilment tiegħu lill-Enemalta.

Ir-Resident qal li kemm il-darba għadda dan l-ilment lill-Enemalta pero` kollu għalxejn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tista issir kurduna weħida u issir post ta' dħul u ħruġ tal-karozzi biex ma jintilifx il-parkeġġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi xorta waħda ma tistax tittieħed deċiżjoni la darba m'hawnx rappreżentanti tat-Transport Malta.

Sar qbil unanimu illi nipproponu lit-Transport Malta sabiex isiru żewġ sleeping policeman kif ukoll crash barriers minflokk il-proġett propost minn TMalta.

3.4 **<u>Korrispondenza mingħand l-MTA rigward lattrini pubbliċi:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-MTA għamlu assessment fil-lattrini pubbliċi u ltaqgħu mal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni kif nistgħu ntejbu s-servizz tal-lattrini, kompla jgħid li tkellmu fuq proposta li waħda jew żewġ lattrini jiġu privatiżżati

Is-Sindku qal illi anke meta kienu l-Peru kien hemm lattrini fejn tħallas ftit flus sabiex tutilizza s-servizz għalhekk hu jaqbel ma din il-proposta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-MTA kellha titkellem mal-AKL għaliex kwalunkwe problema li jkollhom il-Kunsilli għandhom ikunu nfurmati biha l-AKL.

Is-Sindku qal illi soluzzjoni oħra hi li jkollna nies mill-ETC fejn ikunu jistgħu joqgħodu mal-latrini u hekk jitnaqqas l-abbuż mingħajr mal-Kunsill joħroġ flus.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv jekk l-MTA tawx xi proposti oħra.

Is-Segretarju qal illi dik kienet l-unika proposta li taw.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-aħjar ħaġa tkun li nibgħatu din l-ittra lill-AKL u naraw jekk huma jaqblux ma din il-proposta.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li l-problema hi li ma jkunx hemm attendant u mhux jekk il-latrina issirx privatiżżata cioe bi ħlas. Kompla jgħid illi l-ħmieġ tal-lattrina f'Marsaskala jidher li huwa wieħed li akkumula b'nuqqas ta' tindif.

Is-Sindku qal illi tajjeb nieħdu azzjoni immedjata fuq din il-problema qabel ma tispiċċa fuq il-gażżetti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Kunsill għadu qatt ma ħa deċiżjoni fejn jaqbel mal-lattrini privatiżżati.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi l-problema hi li nkunu l-unika lokalita' li jkollna lattrini bi ħlas.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu ma jaqbilx li l-lattrini jsiru bi ħlas.

Is-Sindku qal illi kuntratt tal-latrini biċ-ċifra ta €20,000 fis-sena huwa baxx wisq biex ikollna servizz tajjeb, kompla jgħid li mill-inqas trid talloka €100,000 fis-sena.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kemm l-MTA hija lesta illi tgħin finanzjarjament.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ssuġerixxa illi nkunu nistgħu nħaddmu nies b'diżabilita sabiex ikunu attendants mal-latrini u l-Gvern ikun jistgħa jagħti għajnuna finanżjarja mill-iskema li teżisti meta tħaddem persuni b'diżabilita'.

Sar qbil unanimu illi niktbu lill-AKL sabiex jgħinu f'din il-kwistjoni.

3.5 **Korrispondenza mingħand is-Sur Rio Sammut (35/5312/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-email li rċivejna mingħand is-Sur Rio Sammut sabiex ikunu jistgħa jikteb paġna fil-fuljett tal-Kunsill jew inkella l-Kunsill jisponsorjah sabiex ikun jistgħa jikteb ktieb fuq Marsaskala.

Sar qbil unanimu illi s-Sur Sammut ikun jista jikteb fil-fuljett tal-Kunsill.

3.6 **Zieda fin-notch ta' Rebecca Micallef minn Novembru 2014:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wasal iż-żmien illi l-Iskrivana Rebecca Micallef tiżdied fin-notch mil-1 ta' Novembru 2014.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.7 **Korrispondenza mingħand Tessie u Mario Farrugia rigward lattrini pubbliċi (35/5138/14/O):**

Dan is-suġġett diġa ġie diskuss fil-komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill artiklu #3.4.

3.8 **Korrispondenza mingħand is-Sur Paul Farrugia rigward eco wardens u CCTV cameras (35/5327/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna korrispondenza mingħand is-Sur Farrugia fejn qed jissuġerulna illi jkollna CCTV cameras kif ukol Eco wardens.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-ECO wardens hemm bżonn li jaraw li r-residenti ma joħorġux il-borża tal-iskart kif jgħaddi tal-iscammel kif ukoll dawk in-nies li jħallu l-ħmieġ tal-klieb tagħhom mingħajr ma jkunu attrezzati li jneħħuħ b'hekk tajjeb li jkunu fil-lokalita' fil-ħinijiet ta' filgħodu.

Is-Sindku qal li jista jagħti l-fatt li jkollna ECO wardens anke filgħaxija.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li nutiliżżawhom kemm filgħodu u anke filgħaxija ħalli ma jkunx hemm abbuż fil-ħinijiet ta' filgħaxija meta l-persuna tkun taf li m'hemmx ECO wardens iduru fil-lokalita speċjalment fejn jidħlu il-bring in sites ħdejn il-beach club fejn dejjem ikun hemm abbuż.

Sar qbil unanimu sabiex nitolbuhom kemm CCTV cameras kif ukoll ECO wardens.

3.9 **Programm ta' l-EU mall-Kunsill Lokali ta' Siret li diġa għaddew €6250 lill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala għall-attivitajiet li iridu jsiru hawn Malta:**

Dan is-suġġett diġa gie diskuss fil-punti li joħorġu mill-minuti artiklu #2.1.3.

3.10 **Rata ġdida għal wiring fi Ġnien San Tumas bħala parti mill-proġett Miżura 313 li trid tiġi approvata mill-Kunsill:**

Dan is-suġġett diġa ġie diskuss fil-komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill artiklu #3.1.

3.11 **Użu mill-faċilitajiet tal-Family Park:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi aħna bħala Kunsill għamilna ħafna sagrifiċċji sabiex ikun jista jinfetaħ il-Family Park u issa ser ikun hemm ħafna faċilitajiet f'dan il-park fejn ser jiġu privatiżżati fosthom il-greek theatre. Hu jixtieq ikun jaf jekk il-Kunsill għandux il-permess sabiex ikun jista juża dawn il-faċilitajiet mingħajr ħlas.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li anke fil-każ tal-ground tal-iskola is-Surmast għandu dritt jużah bla ħlas wara il-5:00pm kif ukoll fil-weekends anke jekk wara dak il-ħin jutilizzawh il-klub tal-futbol la darba ikun avżhom min ġimgħatejn qabel, hu għandu dritt li jużah għaliex l-iskola għanda preċedenza.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ħafna affarijiet mill-komunita jkunu jistgħu jsiru hemm.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar irrimarka fuq il-pagamenti tal-Oasis Ironmongery għaliex ma jifimx eżżatament xi jkunu l-affarijiet li ġew mixtrija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diffiċli tikteb kull oġġett li nxtara pero` hemm l-invoices kollha fil-file jekk xtaq jara fid-dettal.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar irrimarka rigward il-pagamenti tal-impjegati u xtaq illi jkun imniżżel l-ammont ta' overtime separatament mill-paga.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega x'inhu l-overtime tal-impjegati ta' kull xahar fosthom sabiex jinfetaħ l-uffiċju tal-Kunsill kull nhar ta' Sibt u għal-laqgħa tal-Kunsill. Qal ukoll illi l-Kunsill irċieva l-ammont ta' €9000 bħala arretrati li assenjalna l-Gvern għas-snin 2011-2014 kif ukoll l-overtime tal-ħaddiema tal-IPSL li jkun ta' kull Nhar ta' Sibt.

4.3 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Micallef staqsiet kif għadu jider il-pagament tal-kumitat konġunt #1913.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dak huwa l-aħħar pagament li fadal qabel ma jeqilbu għar-reġjuni.

4.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jħoss li qed jinxtara ħafna fuel għal van tal-Kunsill fejn ma jaħlix dan l-ammont kollu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jaqbel ma dan u qal illi €10 minna tmur għall-generator. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li min naħa tiegħu qed jipprova jżomm kontroll u l-abbuż mhux ser jiġi aċċetat. Hu kompla jgħid illi anke stock take tal-garaxx qiegħed iżomm.

4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-Kunsilliera erba pagamenti tan-Nexos Street lighting peresli ma laħqux daħlu fl-iskeda tal-pagamenti

1. Numru tal-invoice #1242 bl-ammont ta' €2562.67. Min dan il-pagament għandu jitnaqqas overpayement ta invoice #1239 bl-ammont ta' €161.21.
2. Numru tal-invoice #1247 bl-ammont ta' €2037.47.
3. Numru tal-invoice #2010733 bl-ammont tal €462.00.
4. Numru tal-invoice #2010732 bl-ammont ta' €1755.00

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitħallsu dawn il-pagament.

**Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard ppropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#085 – 20/9/14):

"Jipproponi li l-Kunsill jitlob lill-MRRA sabiex jitkompla x-xogħol ta' titjib fis-sistema ta' ċirkulazjoni tal-ilma għall-baħar, għalkemm saru ħafna laqgħat u pjanti tajjeb li x- xogħol jitkompla kemm jista jkun malajr".

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jissuġerixxi li ssir laqgħa mal-MRRA sabiex niddiskutu s-sistema taċ-ċirkulazzjoni tal-ilma baħar u min naħa tal-MRRA japplika għal permess il-MEPA u jsir ix-xogħol min naħa tal-MRRA. Hu kompla jgħid illi li kien hemm diskussjonijiet fil-passat kif ukoll kien hemm pjani ta' x'jista jsir pero` issa ilhom snin li ltaqgħu u baqa ma sar xejn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illu hu talab short term plan kif jitnaddaf il-madwar tal-magħluq fejn jista jsir hand picking tal-ħmieġ li hemm u jrid ikun hemm long term plan għaċ-ċirkulazzjoni tal-ilma.

Sar qbil unanimu illi tibtgħat ittra lill-MRRA sabiex issir laqgħa magħhom.

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-21:41p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru 2014 fis-6.30pm

***Josef Gauch***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku